# L-OSTJA MQADDSA

Ftit jiem ilu kont qiegħed fl-Uffiċċju Parrokkjali, meta f'daqqa waħda nisma' dagħwa bl-Ostja li ma rridx nisma' bħalha dment li ndum ħaj. Kliem li weġġa' lili iktar milli jweġġa' lill-Mulej. Forsi min kien, kien jinsab f'mument ta' rabja kbira. Ħassu offiż u skatta r-rabja fuq Dak li hu l-iktar għażiż.

Jien ngħid li lissen dik id-dagħwa għax kien jaf li propju kien qiegħed jitkellem fuq dak li hu l-iktar għażiż għan-Nisrani.

F'dan il-Ħadd filgħaxija, jum il-**Corpus**, se ngħaddu mit-triqat tal-parroċċa, b'Ġesù Ekwaristija magħna. It-triqat li se ngħaddu minnhom huma: Il-Pjazza, Triq Dun Bernard Haber, Triq il-Kappillan, Triq Rakela Camilleri, Triq Xandriku, Triq San Ġwann u Triq Diċembru 13.



Inħeġġu lil dawk kollha li joqogħdu fil-Pjazza u fit-toroq imsemmija sabiex iżejnu b'qasrija, xi ftit fjuri, biċċa drapp jew xemgħat. Azzjonijiet żgħar bħal dawn juru lilkom, lit-tfal li se jieħdu sehem u lil kull min jimxi fil-purċissjoni li fl-Ostja Mqaddsa kemm Dak li Hu l-iktar għażiż għalina,

**Il-purċissjoni tibda ħierġa dritt wara l-quddiesa tal-5:00pm.**

***L-Arċipriet***

**TO THE POWER OF WE:** attività mtellgħa quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ kollha. Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju fit-8:30pm.

Narawkom!

**50 sena saċerdoti:** Għal din l-okkażjoni Mons. Ġużepp Attard u Mons. Salv Grima qed jagħmlu stedina għal kulħadd għall-Quddiesa tan-Novena tal-Ħamis, 23 ta' Ġunju, bħala radd ta' ħajr 'l Alla fejn Mons. Isqof Anton Teuma se jagħmel l-omelija.

50th Jubilee of Priesthood

**QUDDIES FIS-SALA PARROKKJALI:** nhar is-Sibt 18, il-Ġimgħa 24 u s-Sibt 25 ta' Ġunju l-quddiesa tal-5:00pm se ssir fis-Sala Parrokkjali (fi Triq Xandriku) minflok fil-knisja minħabba t-tiġijiet li se jkun hawn fil-Bażilika.

**SEJĦA GĦAL FRATELLI ĠODDA:** minħabba nuqqas ta' aktar minn sentejn mingħajr parteċipazzjoni fil-Purċissjonijiet tas-soltu diversi fratelli anzjani irtiraw mis-servizz li kienu joffru. Filwaqt li nirringrazzjawhom għas-servizz li taw matul is-snin bħala membri tal-Fratellanzi tal-Parroċċa nixtiequ nappellaw biex aktar irġiel u żgħażagħ jingħaqdu mal-Fratellanzi eżistenti li huma dawk tas-Sagrament, tar-Rużarju, tad-Duluri u ta' San Pietru u San Pawl biex inkunu nistgħu nżommu ħajja dawn l-Għaqdiet antiki. Għaldaqstant, dawk imħajrin huma mitluba jkellmu lil Kan. Dun Reuben Micallef (99245080) jew lil Peter Azzopardi (99244383).

**TRID TGĦIN?**

F'dawn il-ġranet li għaddew, l-Arċipriet flimkien ma' persuni oħrajn ħarġu jagħmlu l-ġabra ta' ġewwa għall-festa ta' San Pietru u San Pawl. Ma sabux lil kulħadd id-dar. Dawk li jixtiequ jagħtu l-offerta tagħhom jistgħu jħalluha fl-Uffiċċju Parrokkjali. Jekk l-Uffiċċju jkun magħluq itfgħu l-offerta tagħkom fil-kaxxa tal-ittri jew agħtuha lil xi saċerdot.

**ENGLISH CORNER**

**The Solemnity of the Most Holy Body and Blood of Christ**

Jn 6:51

I am the living bread that cam down from heaven, says the Lord; whoever eats this bread will live forever.

R. Alleluia, alleluia.

Happy Fathers' Day everyone and especially to all our priests that serve our community!

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am